# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Rikors Numru 1129/2019 TA**

**John Baptist Aquilina, u b'digriet tas-7 t'Ottubru 2021 il-ġudizju ġie transfuż f'isem Maria Lourdes Aquilina stante l-mewt ta' John Baptist Aquilina fil-mori tal-kawża.**
**Vs**
**Maria Lourdes Farruġia,**
**Heidi Sciberras u żewġha Julian Sciberras, u**
**Marlene Montebello.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Diana u Charles Scicluna tad-29 ta' Marzu 2022.

Rat ir-risposta ta' Maria Lourdes Farruġia et tat-18 ta' Mejju 2022.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Rat li r-rikors tħalla għal digriet *in camera*.

**Ikkunsidrat:**

Jirrisulta, kemm mit-testment ta' John Aquilina tal-24 ta' Frar 2021 u kif ukoll mid-dikjarazzjoni tan-Nutar Jessica Said, li mingħajr ebda dubbju, l-eredi

universali ta' Giovanni sive John Aquilina hija martu Mary Lourdes Aquilina u mhux ir-rikorrenti.

L-Artikolu 806 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jindika ukoll b'mod ċar li *Il-werriet jew l-esekutur ta' waħda mill-partijiet, li tmut matul il-kawża, jew kull wieħed ieħor li jkollu nteress, jista' jitlob b'rikors li l-atti tal-kawża jgħaddu fil-persuna tiegħu, sabiex jissokta l-kawża minflok il-parti mejta*.

Meta għalhekk, il-liġi tirreferi għal kull persuna li jkollha nteress fid-dawl ta' dak li jipprovdi Artikolu 836 tal-Kodiċi Ċivili, dik il-persuna bilfors irid ikollha il-kwalitajiet ta' werriet. Tant biex ikun ċar, l-aħħar Artikolu jiddisponi hekk:

*Il-pussess ta' ħwejjeġ li l-mejjet igħaddi, bis-saħħa tal-liġi, b'mod ta' kontinwazzjoni, fil-werriet, sew jekk testamentarju jew leġittimu, bl-obbligu li jħallas il-piżijiet kollha tal-wirt.*

Ma għandu jkun hemm ebda dubbju, li pretensjoni f'kawża li jkun laħaq beda f'ħajtu l-mejjet, partikolarment jekk tkun waħda li ġġib magħha effetti patrimonjali, għadha tkun ikkunsidrata bħala parti mill-ħwejjjeġ li kellu f'ħajtu.

Tant li l-werriet huwa kontinwazzjoni tal-personalita' ġuridika tal-mejjet, għalhekk jingħad li jidħol fiż-żarbun tal-mejjet, li jekk ħadd ma jagħmel rikors bħal dak imsemmi f'Artikolu 806, l-Artikolu l-ieħor 807 jiddisponi li *jekk ebda persuna ma tagħmel rikors fejn titlob li l-kawża titkompla f'isimha, minflok il-parti li tkun mietet, il-parti l-oħra tista', b'rikors, titlob li l-kawża tgħaddi fil-persuna tal-*

*werriet jew werrieta preżuntivi tal-parti li tkun mietet, jekk ikunu magħrufa* (Emfażi).

Huwa dejjem il-werriet b'titolu universali, li jidħol flok parti li tkun mietet waqt Kawża, kemm-il darba ma jkunx hemm eżekutur testamentarju, u dan kemm jekk dik il-parti tkun Attur jew konvenut fil-kawża.

Il-Qorti lanqas ma tista tifhem, għaliex fl-istess nifs li l-esponenti jgħidu li jridu jidħlu fil-ġudizzju flimkien ma' ommhom, dan ir-rikors ma sarx f'isimha ukoll, meta fil-fatt hija l-eredi universali.

Għalhekk il-Qorti qiegħda tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti peress li huma mitluba minn Diana Scicluna u Charles Aquilina u mhux f'isem Maria Dolores Aquilina ukoll, mingħajr ebda preġudizzju għad-drittijiet kollha ta' Maria Lourdes Aquilina, qua eredi universali tal-mejjet John Aquilina, billi tagħmel dawk il-proċeduri kollha li jidhrulha xierqa fiċ-ċirkostanzi.

**Illum 16, ta' Ġunju 2022**

**Imħallef Toni Abela**